MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

# IS-SEBGĦA LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 39

Il-Ħamis, 12 ta' Lulju, 2018

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 22A, Triq id-Duluri, fl-15:30.

PREŻENTI:

Noel Formosa – Sindku
Anthony Formosa– Viċi Sindku
Franco Buhagiar– Kunsillier
Joseph Cauchi – Kunsillier
Carmela Grima – Kunsillier
Martina Cassar – Ambaxxatur taż-żgħażagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Sarah Formosa – Segretarju Eżekuttiv

## 39.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

39.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

39.1.2 Il-minuti kienu approvati u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

## 39.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza

39.2.1 Is-Sindku qal li kien ilha ma tasal xi korrispondenza jew jiġu msejħin laqgħat mill-Kumitat tad-Dwejra u għalhekk bagħat lis-Sur Timmy Gambin li huwa ic-Chairperson tal-istess Kumitat. Is-Sur Gambin qallu li hu mhux se jibqa' Chairperson ta' dan il-Kumitat. Wara diskussjoni Is-Sindku ppropona li tinbgħat ittra lill-awtortajiet konċernat biex naraw x'qed jiġri, Kien hemm qbil dwar dan.

39.2.2 Is-Sindku informa l-Kunsill illi ftit ilu żewweġ koppja, u bħala ringrazzjament tawħħ donazzjoni ta' €50.00 biex tintuża għal xi bżonn tal-Kunsill.

39.2.4 Is-Sindku qal li rigward ir-Resident's Parking Scheme ma kienx hemm *feedback* mingħand in-nies u għalhekk sar qbil li għalissa ma jsir xejn.

39.2.5 Is-Sindku qal illi Sqaq Daħlet il-Ġnien huwa sqaq privat u qed ikun hemm konġestjoni kbira fih b'konsegwenza li r-residenti u l-bdiewa ma jibqalhomx aċċess għall-propjeta' tagħhom. Wara diskussjoni sar qbil illi titwaħħal tabella sabiex dan l-isqaq jintuża biss mir-residenti u bdiewa.

39.2.6 Is-Sindku informa lil Kunsill illi ġie avżat li d-dati tas-safar lejn Venanzo inbidlu. Id-dati l-ġodda se jkunu bejn 3 – 8 ta' Ottubru. Il-Kunsill qabel li nġibu avviż u nibdew bil-preparamenti.

39.2.7 Is-Sindku qal li xtaq jesprimi idea mal-Kunsill rigward riġenerazzjoni tal-popolazzjoni fir-raħal b'mod sostennibli. Ippropona li toħroġ skema li meta bejjiegħ u xerrej ibiegħu u jixtru għall-skop ta' residenza personali u mhux għall-kummerċ, għandhom jingħataw eż. xi tip ta' sapport finanzjarju bħalma huwa fuq taxxa jew self mill-Gvern. Din għandha tkun ta' inċentiv sabiex koppji zgħażagħ jibqgħu fir-raħal. Sar qbil li tinkiteb ittra lil membri tal-Parlament kollha minnufih.

39.2.8 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) qalet li peress li għadhom kif ingħalqu l-evalwazzjonijiet tat-tenders: Resurfacing of Part of Triq il-Wileġ and Triq id-Duluri with Rolled Hot Asphalt, Measure 4.3, Service of an Architect u Assistant – Dwejra Environmental Centre, ikun ta' importanza illi dawn jiġu approvati sabiex inkunu nistgħtu nipproċedu. Il-Kunsill qabel.

Rigward ta' Tenders: Resurfacing of Part of Triq il-Wileġ and Triq id-Duluri with Rolled Hot Asphalt, Measure 4.3, Service of an Architect, il-Kunsill qabel mal-bord tal-evalwazzjoni u għandhom jintagħżlu l-iktar offerti vantaġġjużi.

Qabel ma ġie diskuss it-tender tal-Assistant taċ-Ċentru tad-Dwejra, is-Sindku talab li jirtira mill-laqgħa minħabba kunflitt ta' interess.

It-tender tal-Assistant taċ-Ċentru tad-Dwejra kien hemm offerta' waħda u l-Kunsill qabel mal-għażla tal-bord tal-evalwazzjoni.

Is-Sindku reġa daħal fil-kamra.

39.2.9 Is-Sindku qal wara l-laqgħa li kellu mal-Inġinier Josef Micallef, waslu fi qbil li jintużaw il-culverts tal-Pjazza pero dawn huma mgħarrqa fl-ilma. Wara diskussjoni sar qbil li noħorġu avviż biex min irid imur jieħu l-ilma sabiex dan jitbattal.

39.2.10 Is-SE qalet li irċivejna korrispondenza mingħand is-sinjura Helene Markstein li se ttella esebizzjoni fil-pjazza kif kien miftiehem is-sena l-oħra. Ġew diskussi l-punti preżentati u sar qbil fuqhom.

39.2.11 Is-SE qalet li irċivejna emejl rigward l-applikazzjoni għall-European Mobility Week ta' din is-sena. Sar qbil fuq il-programm ta' attivitajiet sabiex tibgħatha s-SE.

39.2.12 Is-SE qalet li rċivejna emejl mis-Sur Lorry Apap sabiex nipprovdu l-bżonnijiet ta' xogħol fit-toroq għas-sena 2019. Wara diskussjoni sar qbil li jkompli x-xogħol fil-bqija ta' Triq il-Wileġ u Triq Wied il-Merill.

39.2.13 Is-SE qalet li rċivejna mill-bord ta' deċiżżjonijiet tal-DPF (UIF) Fund fejn dawn ċaħdu l-applikazzjoni tagħna għat-tisbieħ tal-monument ta' San Lawrenz. Is-Sindku qal li dawn huma fondi tal-Kunsill u applikazzjoni bħal din ma kellix għafejn tiġi rifuża. Sar qbil fuq punti u ġie deċiż li għandna nappellaw id-deċiżjoni..

## 39.3 Tweġibiet għall-Mistoqsjiet tal-Kunsillieri

39.3.1 Il-Kunsillier Franco Buhagiar qal li qed jidħlu ħafna karozzi fejn l-Inland Sea b'konsegwenza illi t-tyres qed jimmarkaw iċ-ċagħaq. Sar qbil sabiex niktbu ittra lil awtoritajiet biex minibuses ma jitħallewx jinżlu hemm isfel iżda iwaqqfu t-turisti fil-parkeġġ. Sar qbil ukoll li tintbagħat ittra lil Ministeru sabiex is-sena d-dieħla issir *wooden walkway* fl-Inland Sea.

## 39.4 Il-Festa, Tindif u Affarjijiet Oħra

39.4.1 Is-Sindku qal li jekk hemm qbil, it-tindif, toilets u l-preparamenti kollha isiru bħas-sena l-oħra. Il-Kunsill qabel.

## 39.5 L-Attivita' tal-Kommunita' Lawrenzjana li ma Titkellimx bil-Malti

39.5.1 Is-Sindku qal li tkun idea tajba li terġa ssir l-attivita' tal-kommunita' Lawrenzjana li ma titkellmix bil-Malti. Il-Kunsill qabel li terġa ssir.

## 39.6 Aġġornament tal-Proġetti li Għandna Pendenti

39.6.1 Is-SE qalet li l-Proġett tal-Measure 4.3 jista jibdew ix-xogħolijiet hekk kif jiġu iffirmati l-kuntratti mal-kuntratturi. Sar qbil li jibda x-xogħol bl-aħħar parti ta' Triq Wied il-Merill u tal-Qasam b'parir mal-istess kuntratturi. Rigward ix-xogħolijiet ta' Triq id-Duluri u Triq il-Wileġ sar qbil li jibda x-xogħoljiet wara li tgħaddi l-festa.

## 39.7 Il-Pożizzjoni tal-Għajn tal-Ilma fil-Pjazza

39.7.1 Is-Sindku qal li irċieva aħbar tajba li mill-Ministeru offrew is-somma ta' €8000.00 sabiex issir l-Għajn fil-Pjazza. Wara diskussjoni sar qbil li l-pożizzjoni tal-Għajn issir flok l-*informative panel* li hemm fil-Pjazza u ma tintużax.

## 39.8 Mozzjoni 4/7 – Proposta' ta' Bye – Law Ġdida

39.8.1 Is-SE qrat il-mozzjoni numru 4/7 bis-suġġett imsemmi u t-test ta' din il-mozzjoni proponuta mis-Sindku jaqra hekk:

***"Fid-dawl taz-zieda ta stabilimenti ghall-kiri fil-lokalita biex nissalvgwardaw l-ordni fl-istess lokalita nissugerixxi Il-Kunsill Lokali jwaqqaf bylaw li permezz taghha dawk li jinqabbdu qed jiksru l-paci pubblika waqt il-hinijiet stipulati mill-ligi jew jekk jinqabbdu jhammgu jew johorgu skart mhux waqt il-hinijiet stipulati mill-Kunsill Lokali jigu mitluba li jhallsu penali lill-Kunsill Lokali li tmur biex tizdied is-sigurta u l-indafa fir-rahal. Din tkun imposta fuq kull sid ta' xi post u/jew min jinqabad li jkun qed iwettaq ir-reat."***

39.8.2 Din il-mozzjoni kienet sekondata mill-Kunsillier Franco Buhagiar. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu. Ġie nnominat l-Avukat Alfred Grech biex jipprepara din il-bye-law.

## 39.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

39.9.1 Il-Kunsill approva l-lista ta' pagamenti kif preżentati mis-SE.

## 39.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

39.10.1 Il-laqgħa intemmet fl-18:00 u ġiet aġġornata għall-17 ta' Awissu 2018 fl-09:00.

(IFFIRMATA)

Noel Formosa
Sindku

(IFFIRMATA)

Sarah Formosa
Segretarju Eżekuttiv